MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## MIRIAM HAYMAN

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2004

**Il-Pulizija**
**(Sp. Jason Agius)**

**vs**

**Emanuel Ellul ta' 46 sena, iben Francis u Christina nee Demicoli, mwieled Pieta' fit-8 ta' Novembru, 1955, u joqghod 'Manfri', Triq G. Trigance, Luqa, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 770955 (M).**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Emanuel Ellul li gie akkuzat talli bejn id-19 ta' Jannar, 1996 u t-13 ta'

Settembru, 2001 u fis-snin ta' qabel fil-fond 'Manfri', Triq G. Trigance, Luqa bhala detentur ta' l-imsemmi fond jew bhala persuna illi kellha f'idha l-imsemmi fond, b'diversi atti maghmulin minnu, fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ikkommetta serq ta' kurrent elettriku minn meter tad-dawl li jinsab fl-imsemmi fond li jammonta ghal Lm 410.65c2 ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta liema serq hu aggravat bil-mezz, hin u ammont.

(2) U aktar talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi ghamel hsara fil-makkinarju u/jew fil-gumni ta' l-elettriku, jew ikkaguna telf ta'kurrent elettriku jew ghamel hsara jew kisser xi parti mill-meter tad-dawl, jew is-sigilli tieghu, jew xi parti minn xi apparat jew gumni wzati fil-provvista ta' l-elettriku jew is-sigilli taghhom ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li tapplika l-provediment ta' l-art 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji a fol 6.

Rat li l-akkuzat wiegeb li ma kienx hati ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu kif ukoll li hu ma kellux oggezzjoni ghal proceduri sommarji.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkonsidrat

Illi l-Qorti se tibda biex taghmel referenza in succint ghal dak li kkonkluda l-espert imqabbad fl-Inkjesta. Dan kien kategoriku fil-konkluzjoni tieghu li "… zgur sar serq ta' kurrent elettriku u anke attentati ghal aktar minn darba pero' l-esponent ghandu dubji tieghu dwar min wettaq dan ir-reat …" ( a fol 3 tal-process verbal).

Stabilixxa l-istess perit is-segwenti punti cioe (i) li Ellul cioe l-akkuzat ma kienx l-ewwel inkwlin tal-fond fejn instab il-meter imbaghbas,
(ii) li jidher minn dak li qal l-istess espert li donnu Louis Valletta (il-possessur precedenti tal-fond) ma kienx avza l-Enemalta biex idur il-kont minn fuqu ghal fuq l-akkuzat Ellul. Dan il-fatt fil-fatt qalu l-istess imputat fi stadju ta' inkjesta meta kien qed jixhed quddiem l-espert. Huwa stramb ghalhekk illi meta xehed Silvio Decelis, administrative officer fil-finance division Enemalta, esebixxa dokumenti li juru li consumer huwa Emanuel Ellul.

Gie stabbilit mill-istess espert illi l-meter certament kien imbaghbas u dan anke fi zminijiet differenti.

Illi mix-xhieda ta' Silvio Decelis jidher li kien hemm tbaghbis fil-meter fil-perjodu bejn 19/01/96 sa 26/11/98 u 27/11/98 sa 18/09/01.

Irrizulta wkoll u dan mix-xhieda kemm ta' l-akkuzat kif ukoll ta' martu li huma ilhom joqghodu gol-fond in kwistjoni ghal dawn l-ahhar ghaxar snin, perjodu ghalhekk li jkopri l-perjodu hawn fuq imsemmija.

Illi din il-Qorti ghalhekk ghalkemm tista' tifhem il-konluzjoni xejn konklussiva fir-rigward ta' responsabilita' kriminali ta' l-espert, tqis li meta rrizulta t-tbaghbis fil-meter dan kien taht il-kontroll ta' Emanuel Ellul. Illi fil-fatt ma ngabet ebda provi li fiz-zmien qabel is-sena 1996 l-istess meter ma kienx qed jirregistra sew, allura tistaqsi din il-Qorti kif jista' wiehed jitfa' r-responsabilita' fuq haddiehor ghajr fuq min ghandu l-pussess dirett.

Illi dan kollu qed jinghad anke fil-kuntest tal-fatt anzi ta' ligi li titfa' l-onu dejjem sal-grad tal-probabbli fuq l-akkuzat (f'dan il-kaz) (vide art 264 tal-Kap 9).

Ghaldaqstant in vista ta' dan kollu premess u wara li rat l-artikoli 261, 267, 278 u 325 tal-Kap 9.

Rat ukoll li mix-xhieda ta' Silvio Decelis li Emanuel Ellul anke hallas depozitu ta' Lm 250.

Rat ukoll il-fedina penali ta' l-akkuzat. Tqis tenut dana kollu premess li piena karcerarja mhux idonea, rat l-artiklu 22 tal-Kap 446 u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn mil-llum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------